**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**Vs**

**Donald Caruana**

Kump Nru: 881/2015

Illum 25 ta' Lulju 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Donald Caruana ta' 41 sena, bin Gudas Thaddeo u Rose nee' Caruana, imwieled Pieta' fil-1 ta' Dicembru 1973, u residenti fil-fond Scicluna, Flat 1, Triq is-Siberia, Marsaskala u detentur tal-karat tal-identita` bin-numru 2374(M).

Akkuzat talli nhar it-12 ta' Frar 2015 ghall-habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00 hrs) gewwa Triq il-Kartocc, Swieqi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carmelo Mifsud mis-Swieqi u dan ai termini tal-artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti sa mill-bidu nett tirrileva li dan l-incident seta' facilment jigi evitat bil-kortesija u rispett li kull bniedem ghandu jkollu lejn persuna ohra.

Jirrizulta mill-atti li l-imputat huwa mastrudaxxa u dakinhar tal-akkadut huwa kien ha xi xoghol f'dar biswit ir-residenza tal-parte civile. L-imputat, anki ghaliex, kelli jgorr xoghol ta' certu toqol ipparkja l-vann tieghu quddiem il-garaxx tal-parte civile b'tali mod li l-parte civile kien ostakolat milli jdahhal il-karozza tieghu fil-garaxx liberament meta rritorna lura f'daru.

Dwar id-dinamika tal-incident hemm kunflitt fil-versjonijiet moghtija mill-partijiet izda dan ma jfissirx li ghandu jkun hemm liberatorja. Ghalhekk se ssir referenza ghax-xhieda li jistghu jitfghu dawl ghal x'wassal ghall-argument u x'gara.

Carmelo Mifsud, il-parte civile, jixhed li hekk kif sab il-vann ipparkjat daqq il-horn, billi anki ra li kien hemm hafna spazju ghal parkegg fit-triq. Wara ftit hareg persuna jgholli jdejh u hafna ghajjat. X'hin ir-ragel resaq lejn il-karozza u talbu biex imexxi l-karozza dan kompla bl-ghajjat u theddid u dahal fil-vann u hadu fuq in-naha l-ohra tat-triq. Il-parte civile ipparkja quddiem il-garaxx, hareg mill-karozza u x'hin kien diehel id-dar dan hareg jigri mill-vann, qabez fuqu, attakkah minn wara, waddbu mal-art u beda jtih bis-sieq b'zarbun iebes fuq wiccu tant li ghamillu multiple fracture f'diversi ghadam f'wiccu. Meta kien mal-art kien hemm zewg haddiema li hargu u qabzu fuq l-aggressur u zammewh u l-parte civile telaq jigri lejn l-Ghassa tal-Pulizija. Mitlub jidentifika l-persuna li aggreditu huwa qal li probabilment kien l-imputat. In kontro-ezami qal li b'kawza tal-incident huwa kien qed ibati minn double-vision meta jhares f'certu angolu. Huwa qal li ma tax kaz xi kliem ta' theddid qal l-imputat izda zgur kliem ta' theddid kien. Jichad li ghajjar lill-imputat b'missieri u li tah daqqa fuq zaqqu.

Fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2018 is-sur Mifsud xehed li huwa jahfer lill-imputat inkondizzjonatament.

L-imputat Donald Caruana xehed li fid-data tal-incident huwa mar iwahhal xoghol ta' bibien ghand klijenta tieghu. Mar bil-vann tax-xoghol. Inqalghatlu problema fuq xi bieb u kellu jiehdu lura u jerga' jmur bih ghaliex il-problema kienet fil-bieb ta' barra. Kif wasal lura kellu problema fejn se jipparkja u billi l-bieb kien tqil l-uniku post li kien hemm vojt kien quddiem id-dar tal-parte civile li kien bieb ma' bieb. Halla l-vann miftuh biex ihott il-bieb bl-ghajnuna tal-lavrant tieghu Ian Scicluna. Dahluh fil-post. Wara bejn 5 sa 10 minuti

sema' horn idoqq. Huwa qal lis-sid tal-post u din qaltlu biex imur ghaliex il-parte civile pezza kustjoni. Hareg biex iressaq il-vann. Dahal fil-vann, ma kellimx lill-parte civile u ra li kienu zvujtjaw zewg parkeggi faccata tad-dar. Kif se jistartja l-vann, is-sur Mifsud hareg mill-karozza tieghu u staqsa lill-imputat jekk hux colour blind. L-imputat staqsih ghalfejn kien qed ighidlu hekk u s-sur Mifsud qallu 'l-line isfar tal-garaxx m'intix tarah?' L-imputat jixhed li wiegbu li l-isfar kien rah u kif daqq il-horn mill-ewwel hareg biex inehhilu. L-imputat qal lis-sur Mifsud li kulhadd irid jahdem. Carmelo Mifsud wiegbu li ma kienx jinteressah. L-imputat jixhed li 't-tempra bdiet tiela'' u qallu 'suq ha mmorru 'l hemm ha tghaddu bil-kwiet'. L-imputat saq u l-parte civile tefa' quddiem il-bieb tal-garaxx u ma dahalx fil-garaxx. L-imputat ighid 'l-istonku tieghi ma hallinix kwiet. U jien u naqsam it-triq ghidtlu ara vera bniedem kummidjant int u bqajt diehel la offendejtu xejn. Kif ghidtlu dan id-diskors u diehel 'il gewwa qabad hareg rasu minn got-tieqa u qabad joffendini b'missieti. U jien dik m'accejtathiex tajjeb. Dort lura ghidtlu ghala ghidtli hekk? Hareg gass down minn gol-karozza lanqas cans inkellmu biss ma tani u tani daqqa ta' sieq'…f'genbu. Dak il-hin l-imputat qal li 'ma bqajtx nara imbaghad, tilifni, tilifni bl-ikrah. U qbadna l-argument bl-idejn imbaghad u d-daqqiet li tajtu bil-ponn tajthomlu mhux biz-zarbun'. Imbaghad kien hemm haddiema u gibdu lill-immputat ghaliex kien ifferocjat u kompla li billi qabditu roghda kbira mar id-dar u kkomunikat mieghu s-surgent u meta qalilha li kien wegga' qaltlu biex imur jaghmel certifikat. In kontro-ezami qal li tah bejn tlieta/erba' daqqiet izda billi kien mitluf ma jafx bl-ezatt.

Ic-certifikat tal-griehi li garrab l-imputat gie ezebit mis-Surgent Roxanne Tabone. Minnu jirrizulta li huwa kellu 'pain and tenderness in lower side of abdomen right side. Pain when walking'.

**Ikkunsidrat**

Minn tali rizultanzi, il-Qorti tikkonkludi li dak li gara huwa: l-imputat li mar fuq xoghol fit-triq inkwistjoni ipparkja l-vann tieghu quddiem il-bieb tal-garaxx tal-parte civile. Meta l-parte civile wasal lura daqq il-horn. Kif ra lill-imputat, is-sur Mifsud beda jistaqsih hux colour blind (Mifsud ma xehedx li qal hekk lill-imputat izda Wps Tabone tikkonferma fix-xhieda taghha li Mifsud qalilha diversi drabi li hekk kien qal lill-imputat). Huwa evidenti ghalhekk li l-parte civile kien ferm urtat u b'dan id-diskors anki l-imputat kien urtat tant li wara li pparkja l-vann minflok qabad u mar lura bil-kwiet fuq xogholu dar fuq Carmelo Mifsud u indirizzah bhala kummidjant. L-imputat ighid 'l-istonku ma hallihx'. Il-parte civile (u hawn temmen lill-imputat)

offenda lil missier l-imputat li kien diga' miet f'dak iz-zmien u l-imputat intilef u dan fi kliemu stess. L-imputat ighid li kien Carmelo Mifsud li aggredih izda dan mhux wisq verosimili billi f'dak il-mument kien huwa li kien qieghed ihossu ferm aggravat bid-diskors tal-parte civile u b'hekk agredixxa lil Mifsud u tah diversi daqqiet. Mifsud ighid li l-imputat tah biz-zarbun waqt li kien mal-art. Mifsud min-naha tieghu rreagixxa wkoll. L-imputat dakinhar kien liebes safety shoes, l-imputat ighid li tah daqqiet ta' ponn biss. Il-Qorti filwaqt li temmen li l-imputat ta daqqiet ta' ponn ma teskludiex li f'xi hin l-imputat ta daqqa ta' sieq ukoll. Dan ghaliex anki mir-ritratti tal-parte leza huwa evidenti li l-aggressjoni kienet wahda sostanzjali b'certu sahha u rabja.

Id-difiza ssollevat li ghandhom ikunu applikabbli l-artikoli 230(b) u 232(a) tal-Kapitolu 9.

L-artikolu 230 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li *"L-offiza volontarja fuq il-persuna hija skuzabbli…jekk tkun ipprovokata minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna."* Hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs David** Sant[1] inghad *:"Jibda biex jinghad li meta l-appellant jinvoka din l-iskuzanti huwa jkun qed jammetti li l-offiza maghmula minnu kienet wahda volontarja u mhux semplicement, kif ipprova ripetutament jaghti x'jifhem fid-deposizzjoni tieghu, li huwa laqat lill-appellanti accidentalment." "Issa, il-provokazzjoni timplika li tkun saret xi haga li tiskatta reazzjoni b'rizultat dirett u immedjat ta' dik il-provokazzjoni. Infatti, l-Artikolu 235 tal-Kodici Krminali jikristallizza dan in-ness ta' immedjatezza fis-segwenti regola: "Ma jiswewx lill-hati l-provokazzjonijiet imsemija fl-artikoli 227 u 230 meta ma jkunux saru fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza." Hu ovvju wkoll li mhux kull minn jinvoka l-provokazzjoni neccessarjament tigi akkordata lilu din l-iskuzanti, ghax il-qorti trid tiehu wkoll in konsiderazzjoni r-regoli stabbiliti mill-gurisprudenza – li, jinghad mill-ewwel, li ma humiex relevanti ghall-kaz in dizamina – bhal, per ezempju l-kaz fejn l-imputat jew akkuzat ikun huwa stess fittex li "jigi provokat" biex ikun jista' jinvoka l-provokazzjoni."*

Inkwantu ghad-difiza tal-agitazzjoni tal-mohh, hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gordon Borg** mill-Qorti tal-Appell Kriminali [2] *:"Id-difiza illi l-appellant kien taht influwenza*

[1] Qorti tal-Appell Kriminali deciz fil-15 ta' Ottubru 2007
[2] 1 ta' Marzu, 2012

*immedjata ta' passjoni stantanja jew agitazzjoni tal-mohh hija permessa mill-Ligi pero biex ikollha success irid jirrizulta illi kien hemm provokazzjoni gravi u illegali, b' tali mod illi nies f'temperament ordinarju, komunament igib l-effett illi ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Dan ifisser it-test li ghandu jintuza huwa wiehed oggettiv u mhux soggettiv kif seta' hasibha l-appellant dak il-hin ta' l-incident."*

Il-Qorti tirrileva li filwaqt li ghandu jigi evitat li persuna tipparkja quddiem bieb ta' garaxx, madankollu anki meta dan jigri l-ewwel l-persuna l-ohra ghandha xorta wahda tuza l-edukazzjoni kollha biex l-iskumdita' titnehha u l-persuna li kkawza l-iskumdita' ghandu jiskuza ruhu u mhux jipprova jiehu r-ragun meta m'ghandux! F'dan il-kaz kien evidenti li l-vann kien tax-xoghol w allura l-incident seta' gie evitat. Biss pero' meta l-Qorti tqis il-provi kollha ma ssibx li l-elementi mehtiega sabiex l-artikoli jsibu l-applikazzjoni taghhom gew sodisfatti.

L-imputat kellu kull opportunita' li jmur lura ghal xogholu bil-kwiet. Filwaqt li l-parte civile naqas meta offensih b'missieru dan ma jaghti l-ebda dritt lil ebda persuna li juza' vjolenza kontra dak li jkun. L-imputat seta' irrapporta lill-parte civile lill-pulizija jekk huwa hassu offiz.

Inkwantu ghall-griehi sofferti mis-sur Mifsud, Dr Mario Scerri fir-rapport tieghu kkonkluda s-segwenti:

*"2. Illi rizultat ta' dan l-allegat incident, Charles Mifsud spicca b'cikatrici fuq l-imnieher, liema cikatrici kienet rizultat ta' lacerazzjoni u din tidher from within talking distance.*

*3. Illi barra minn hekk dan garrab il-fratturi msemmija li huma fratturi ta' natura gravi per durata.*

*4. Illi kagun ta' dan l-incident ukoll, dan ghadu jbati minn diplopia (double vision) minima meta dan ihares 'l fuq"*

Fis-seduta tat-18 ta' April 2018 gie vverbalizzat mill-parte civile li ma jbatux ibati minn difetti permanenti fizici fis-sens li m'ghadux ibati minn vizjoni doppja.

Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni hija ppruvata.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat, il-fedina penali prattikament netta tal-imputat hlief ghal sejbien ta' htija fuq ksur ta' regolamenti tat-traffiku, il-mahfra tal-parte civile in segwitu ta' ftehim barra mill-Qorti bejniethom u r-rinunzja safejn huwa rinunzjabbli u l-fatt li anki l-prosekuzzjoni fit-trattazzjoni ssottomettiet li invista tac-cirkostanzi kollha ma kienet qeghda ssib l-ebda oggezzjoni ghall-applikazzjoni tal-Kapitolu 446 fil-kaz odjern.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Inoltre' tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' €241.10 rapprezentanti hlas tal-espert nominat.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**